MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Numru. 815/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Agius)**

**-vs-**

**Omississ 1**
**Omississ 2**

**Kumpilazzjoni Numru: 815/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

Omississ 1; u

Omississ 2

Akkuzati talli f'l-4 ta' Awissu 2010 ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' fil-ghodu f'l-inhawi ta'l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-limiti ta' Gudja serqu kartiera, flus kontanti, karta ta'l-identita numru Omissis u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Omississ 3 liema reat ta' serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccediex elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna liema serq sar ghad dannu ta' l-imsemmi Omississ 3.

U Omississ 1 waheda

Akkuzata ukoll talli saret recidiva b'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell datata l-10 ta' Dicembru 2009 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-artikoli 37, 49, 50, 261(c)(d), 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata Omississ 1 kienet tmur regolarment ghand certu Omississ 3, ragel anzjan ta' tlieta u tmenin (83) sena. Hija kienet tmur jew ma' ommha jew wahedha; x'kienet taghmel hemm ma jirrizultax bi precizjoni ghalkemm bil-mistoqsijiet tad-difieza lix-xhieda tal-prosekuzzjoni u mis-sottomissjonijiet maghmula l-implikazzjoni hi li Omississ 1 kienet tmur hemm biex taghti prestazzjonijiet sesswali lill-anzjan. Li hu zgur pero hu li Omississ 1 kient tmur ghand Omississ 3 b'l-iskop ahhari li dan jaghtiha flus, fatt li hija tammetti f'l-istatment taghha. Omississ 1 tghid ukoll li ghamlet zmien tghix ma' dan Omississ 3 hekk kif tghid ukoll li Omississ 3 huwa ziju ta' ommha. Ommha pero tghid li mhux Omississ

3 imma l-mara tieghu (gja deceduta) li tigi minnha mill-boghod.

Illi ghandu jinghad *ab inizio* li, wara li semghet il-provi kollha f'dan il-kaz u wara li kellha l-opportunita li tara u tisma lill-parte civile Omississ 3[1], il-Qorti hija konvinta li Omississ 1 kienet tmur ghand Omississ 3 minn jeddha minghajr ebda stedina da parti ta' Omississ 3, u li dak kollu li sar fir-residenza tieghu sar b'inizjattiva unikament da parti ta' Omississ 1 jew ta'ommha. In oltre l-Qorti hija konvinta ukoll li jekk kien hemm xi abbuz f'dawn ic-cirkostanzi dan kien perpetrat minn Omississ 1 u l-familjari taghha u li l-vittma ta' dan l-abbuz huwa Omississ 3 li kien qed jintuza biex jottjenu flus minghandu.

Illi fil-gurnata in ezami Omississ 1, ommha u l-imputat l-iehor Omississ 2 marru ghand Omississ 3; fil-waqt li Omississ 2 qaghad jistenna barra, dahlu biss Omississ 1 u ommha. Wara xi ftit tal-hin omm Omississ 1 telqet u wara ftit tal-hin iehor Omississ 3, Omississ 1 u Omississ 2 marru il-Belt b'taxi (li hallas ghaliha Omississ 3) biex hu jsarraf ic-cheque tal-pensjoni. Malli sarraf ic-cheque tal-pensjoni Omississ 3 ta ammont ta' flus lil Omississ 1. Mill-Belt baqghu sejrin ghand l-istabbiliment MacDonalds li hemm fil-vicinanzi ta'l-ajruport. Hemm qam disgwid bejn Omississ 1 u Omississ 3 ghaliex kull wiehed minnhom pretenda li ta' l-iekel li kienu ser jixtru kellu jhallas l-iehor. Hargu barra u fil-waqt li Omississ 1 u Omississ 3 spiccaw wahedhom Omississ 1 dahhlet idejha fil-but tal-qalziet ta' Omississ 3. Omississ 2 dak il-hin ma kienx ezattament hdejhom imma fil-vicinanzi, meta resaq qrib taghhom hu ukoll mess il-but (l-iehor) tal-qalziet ta' Omississ 3 u anke prova jdahhal idejh fih. Immedjatament wara Omississ 1 u Omississ 2 telqu 'l hemm u hallew lil Omississ 3 wahdu; hu talab ghall-ghajnuna u spiccaw biex intervjenew il-pulizija li anke kellhom iwasslu lill Omississ 3 id-dar. Meta Omississ 1 u Omississ 2 telqu lil Omississ 3 wahdu hu ma sabx xejn mill-flus li suppost kien ghad baqaghlu (wara li ta ammont lil Omississ 1 u hallas it-taxi) fil-but. Jirrizulta

[1] Omississ 3 huwa ragel anzjan ta' statura medja li bil-kemm izomm fuq saqajh u b'l-ebda mod ma jista joffri rezistenza fizika; wisq anqas jista' jimponi lilu niffsu.

ukoll li Omississ 1 u Omississ 2 telqu mill-ajruport b' karrozza tal-linja u waqt li kienu fuq tal-linja Omississ 1 bdiet tghodd xi flus.

Illi ghandu jinghad li Omississ 3 ma riedx jaghmel rapport formali dwar dan l-incident. Meta l-ewwel intervjenew il-pulizija ta' l-ghassa ta'l-ajruport Omississ 3 ta xi informazzjoni pero meta mbaghad ittiehed l-ghassa biex isir ir-rapport formali huwa irrifjuta li ghamel rapport. L-ghada ta' l-incident pero Omississ 3 iltaqa' ma' certu Sister Rose Rizzo, li hija ukoll social worker, u irrakkontala x'kien gara; hija hassietha fid-dover li tinforma lill-pulizija b'dak li kien qallha Omississ 3. Wara r-rapport ta' Sister Rizzo xi pulizija mid-distrett ta' Rahal l-Gdid kellmu lil Omississ 3; kellmu ukoll l-ufficjal prosekutur.

Illi l-unici persuni li setghu jixhdu dwar dak li verament gara waqt li Omississ 3 Omississ 1 u Omississ 2 kienu qeghdin barra l-istabbiliment MacDonalds huma dawn l-istess persuni. L-uniku wiehed minnhom li ta d-depozizzjoni tieghu fil-Qorti kien Omississ 3; Omississ 1 u Omississ 2 pero irrilaxxjaw stqarrija li hija esebieta in atti.

Illi d-difieza attakkat il-kredibilita ta' Omississ 3 u pruvat tqajjem dubbji dwar x'setgha gara mill-flus li kellu fil-but. Il-Qorti pero ma tikkondividiex dan id-dubbju. Ghalkemm ragel anzjan mhux hazin u ma jesprimiex ruhu b'l-aktar mod intelligibbli[2], Omississ 3 kien konsistenti fil-verzjoni tieghu u meta wiehed iqabbel dak li qal lil Sister Rose, dak li qal lill-varji ufficjali tal-Pulizija li tkellmu mieghu u anke dak li qal waqt id-depozizzjoni tieghu jirrizultaw l-istess fatti. Huwa veru li waqt l-ewwel stadji tad-depozizzjoni tieghu Omississ 3 naqas li jaghti certu dettalji li hargu biss aktar tard fid-depozizzjoni, pero l-ispjega li huwa ta (li ma dehrlux li kienu importanti) ghal dan in-nuqqas kienet wahda accettabbli.

Illi minn ezami tad-depozizzjoni ta' Omississ 3 u l-istqarrijiet taz-zewg imputati, fid-dawl tal-provi l-ohra

[2] It-tehied tad-depozizzjoni tieghu fil-fatt ikkomportat diversi diffikoltajiet anke minhabba problemi ta' smiegh li ghandu Omississ 3.

kollha prodotti, l-Qorti hija sodisfatta li waqt li Omississ 3 kien fil-prezenza taz-zewg imputati fil-vicinanzi ta'l-istabbiliment MacDonalds Omississ 1 dahhlet idejha fil-but tal-qalziet ta' Omississ 3 u hadet il-flus li huwa kellu fil-but. Ma jirrizultax li nsterqu xi oggetti ohra (kartiera u karta ta' identita) minghand Omississ 3.

Illi dwar Omississ 2 mill-provi prodotti ma jirrizultax fil-grad rikjest mill-Ligi li hu kien jaf x'kienet ser taghmel Omississ 1 meta talbietu biex ihalliehom wahedhom lilha u lil Omississ 3, lanqas jirrizulta li meta kienu fil-karozza tal-linja u Omississ 1 ghaddet il-flus, jew xi hin wara, hija tatu xi parti mill-flus li kienet hadet mil-but ta' Omississ 3. Huwa minnu li immedjatament wara dan l-incident z-zewg imputati marru qattghu jumejn flimkien f'lukanda u li l-ispieza involuta hallsuha bil-flus li kellha Omississ 1 pero Omississ 2 jghid li hu kien minghalih li dawk kienu flus li Omississ 3 kien ta' lil Omississ 1 malli ssarraf ic-cheque.

Illi ghalhekk l-imputazzjoni ta' serq tirrizulta biss fil-konfront ta'l-imputata Omississ 1 u mhux fil-konfront ukoll ta' Omississ 2.

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra Omississ 1 fil-fatt hija dik ta' serq aggravat bil-valur u bil-persuna; hemm ukoll migjuba kontra taghha l-imputazzjoni tar-recidiva.

Illi dwar l-aggravju tal-persuna mill-provi prodotti ma jirrizultax li teziesti xi wahda mic-cirkostanzi elenkati f'l-artikolu 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghalhekk dan l-aggravju ma jirrizultax pruvat.

Illi dwar l-aggravju tal-valur ghandu jinghad li jezistu diversi verzjonijiet dwar l-ammonti li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni biex jista' jigi stabbilit kemm hadet flus Omississ 1 mill-but ta' Omississ 3. Ghandu jinghad f'dan ir-rigward li prova ta' l-ammont tac-cheque tal-pensjoni ta' Omississ 3 facilment setghet tingieb pero din ma ngabitx. Fin-nuqqas ta' din il-prova u peress li ma jirrizulta lanqas mid-depozizzjoni ta' Omississ 3 kemm kien l-ammont tac-cheque, ma jistax jigi stabbilit li Omississ 1 fil-fatt hadet (mill-but tal-qalziet) aktar minn €232.94.

Konsegwentement lanqas dan l-aggravju ma jirrizulta pruvat u ghalhekk Omississ 1 tista’ tinstab hatja biss ta’ serq semplici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’l-10 ta’ Dicembru 2009 giet konfermata (mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali) sentenza precedenti li permezz taghha Omississ 1 giet ikkundannata xahrejn prigunerija dwar pussess ta’ raza tal-cannabis[3]. Konsegwentement tirrizulta li l-imputata Omississ 1 hija recidiva.

Illi dwar il-piena li ghandha tinghata fil-konfront ta’ Omississ 1 l-Qorti kkunsidrat fit-tul id-diversi fatturi relevanti ghal dan il-ghan.

Illi l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni zgur huwa in-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata. F’dan ir-rigward ghandu jinghad li l-vittma f’dan il-kaz huwa ragel anzjan ta’ ‘l fuq minn tmenin sena li bejn dak li taha minn jeddu u bejn dak li serqet Omississ 1 spicca minghajr pensjoni ghal dak ix-xahar partikolari.

Illi l-piena prevista ghar-reati li taghhom qed tinstab hatja hija dik ta’ prigunerija minn xahar sa sitt xhur li tista’ tghola bi grad u ghalhekk tkun dik minn xahrejn sa disgha xhur; b’applikazzjoni ta’l-artikolu 37 pero il-piena prevista ghandha tonqos bi grad jew tnejn. Minhabba li Omississ 1 hija recidiva l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (dwar sentenzi sospiezi) ma jistax jigi applikat, pero jistghu jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’mod li Omississ 1 titpogga taht probation. Konsegwentement il-piena li tista’ tinghata fil-kaz in ezami hija jew prigunerija effettiva jew probation[4].

Illi Omississ 1 kellha hmistax il-sena meta gie kommess dan ir-reat. Qabel dan l-episodju hija kienet diga instabet hatja ta’ zewg reati ohra; l-ewwel kundanna fil-konfront

---

[3] Ghalkemm id-dettalji ta’l-imputata ma jidhrux f’din is-sentenza, esebieta a fol 28 tal-process, id-difieza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-provi rigward il-konferma ta’l-identita.
[4] Il-Qorti hija konsapevoli li tista’ tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u tilliberah lill-imputat pero ghar-ragunijiet espressi f’din il-parti tas-sentenza u minhabba l-passat ta’ Omississ 1 dawn id-dispozizzjonijiet assolutament mhumiex indikati fil-kaz in ezami.

taghha tirreferi ghal reat li kkommettiet meta kellha tnax il-sena. Minn dak in-nhar ittiehdu diversi mizuri fil-konfront taghha b'l-ghan li, b'l-ghajnuna ta' persuni professjonisti, hija taghraf tirriabilta lilha nnifisha. Tant hu hekk fit-tieni kundanna kontra taghha hija tpoggiet taht ordni ta' probation b'diversi kundizzjonijiet kollha intiezi biex jassigura li Omississ 1 tiehu l-ghajnuna li ghandha bzonn u li tinzamm 'l boghod mit-triq tal-kriminalita. Minkejja ix-xoghol kollu li sar maghha mis-social workers u l-probation officer hija kisret il-kundizzjonijiet tal-probation u spiccat biex kellha tiskonta piena karcerarja.

Illi anke fil-mori ta' dawn il-proceduri u meta inghatat helsien mill-arrest Omississ 1 tpoggiet taht ordni provizzorja ta' supervizzjoni b'kundizzjoni (inter alia) li tissottometti ruhha ghal dik it-terapija necessarja ghaliha; naturalment kien hemm kundizzjonijiet ohra li solitament jinghataw meta persuna tinghata helsien mill-arrest inkluz dik li ma tinhebiex u li ma tibdielx ir-residenza taghha jekk mhux b'l-awtorita tal-Qorti. Jirrizulta pero li f'l-20 ta' Novembru 2010 Omississ 1 giet rappurtat *missing* u kien biss xi gimghatejn wara li nstabet. Ghal dan in-nuqqas taghha hija tressqet il-Qorti b'l-imputazzjonijiet relativi u nghatat sentenza fil-konfront taghha.

Illi dan kollu sfortunatament juri li Omississ 1 ghada ma tghallmet xejn minkejja l-ghajnuna li qed tinghatalha u ghada minghalija li tista' taghmel li trid u li tista' tinjora kompletament il-Ligijiet u l-ordnijiet mghotija mill-awtoritajiet kompetenti. Il-Qorti hija konsapevoli li Omississ 1 kellha tfulija difficli u li mhux dejjem sabet l-ghajnuna necessarja ghaliha pero dawn ic-cirkostanzi mhumiex xi licenzja biex hija taghmel li trid. Wara kollox il-Ligijiet qeghdin hemm biex jigu osservati minn kulhadd, maggorenni u minorenni. U l-minorenni wkoll iridu jirrispondu ghall-agir taghhom; naturalment il-Ligi titrattat b' mod differenti mal-minorenni propju minhabba n-nuqqas ta' maturita taghhom u huwa propju ghalhekk li l-piena prevista tonqos bi grad jew tnejn fil-kaz ta' xi kundanna fil-konfront ta' minorenni.

Illi l-osservanza tal-Ligi hija obbligu impost fuq il-Qorti ukoll; l-operat ta' taghha mhux wiehed liberu imma huwa cirkoskritt mill-Ligijiet vigenti b'mod li l-Qorti trid bil-fors tapplika dawk il-Ligijiet u l-pieni hemm preskritti bil-mod kif hu hemm preskritt. Kif diga ntqal l-alternattivi li ghandha l-Qorti huma tnejn u cioe piena karcerarja effettiva jew probation. Biex il-Qorti taghti ordni ta' probation trid tkun sodisfatta li l-persuna koncernata hija almenu disposta toqghod ghall-ordnijiet li ser jinghatulha u huwa propju dan li qed johloq l-akbar ostakolu. L-ewwel darba li Omississ 1 inghatat probation ma qaghdietx ghall-kundizzjonijiet imposti u spiccat biex kellha tiskonta piena karcerarja ghar-reati li taghhom hija kienet instabet hatja. Il-Qorti kellha tama li b'din l-esperjenza (issa li kienet esperjenzat b'l-aktar mod dirett il-konsegwenzi tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-probation) hija kienet tghallmet xi haga u li ma kenitx ser tirrepeti l-istess zball. Dan pero ma sehhx, tant li anke fil-mori ta' dawn il-proceduri kisret l-kundizzjonijet ta'l-ordni provizzorja ta' supervizzjoni. F'dawn ic-cirkostanzi huwa car li Omississ 1 m'hi qed turi l-ebda sinjali li hija disposta toqghod ghall-htigijiet ta' ordni ta'probation gdid. Il-Qorti ghalhekk ghandha biss l-alternattiva l-ohra li hija dik ta' prigunerija effettiva.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti thoss li ghandha tissottolinea li hija konsapevoli li l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, kif gestieta, mhux il-post ideali fejn minorenni ghandhom jiskontaw perjodu ta' detenzjoni. Pero kif diga ntqal l-Qorti hija marbuta bil-ligijiet vigenti u l-pieni hemm preskritti. Il-Ligi taghna tipprovdi biss ghall-piena karcerja (prigunerija jew detenzjoni) fil-habs; u ma tipprovdi ghall-ebda forma ohra ta' detenzjoni li tista' tkun aktar idonea, u mahsuba propju, ghal minorenni fejn l-emfasi tkun l-edukazzjoni u r-riabilitazzjoni taghhom. Fin-nuqqas ta' xi alternattiva l-Qorti ghalhekk tista biss timponi piena karcerarja li fic-cirkostanzi necessarjament ghandha tigi skontata fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat Omississ 2 hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 37, 49, 50 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata Omississ 1

hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha b’dan li b’referenza ghall-ewwel imputazzjoni qed tinstab hatja ta’ serq semplici biss u tikkundanna tlett xhur prigunerija.

Illi minhabba li z-zewg imputati huma minorenni u biex tipprotegi lill-parte civile l-Qorti tordna li l-ismijiet ta’l-ebda wiehed mill-partijiet involuti (Omississ 3 inkluz) m’ghandu jixxandar u/jew jissemma f’kwalunkwe mezz ta’ kommunikazzjoni u/jew stampa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------